MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1933/2005

**Talba Nru: 1933/05VGD**

Richard Muscat Azzopardi u Matthew Bugeja ezercjenti l-kummerc bl-isem ta' MB Creations.

Vs

Guy Kurkjian.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba mija u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm790.60) rapprezentanti prezz (inkluz il-VAT) ta' xoghol maghmul mill-atturi ghall-konvenut fuq ordnijiet ta' l-istess konvenut u dan kif jirrizulta mill-kopja ta' l-invoice relattiva

hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kollha relattivi skond il-ligi.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi, stante illi preliminarjament, l-intimat m’huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u illi preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost, trid issir il-prova li fid-data li gie intavolat l-Avviz odjern, l-attur Matthew Bugeja ma kienx assenti minn Malta; u illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-intimat m’ghandu jaghti xejn lill-atturi, stante li l-atturi ma esegwewx is-servizz li ghalih qeghdin jaghmlu l-kawza odjerna u ma esegwewx skond l-arti u s-sengha; u illi bla pregudizzju ghas-suespost, u b’referenza ghall-ahhar paragrafu qabel dan, l-intimat inkorra danni konsistenti fi spejjes ta’ ‘web designer’ u spejjes ohra, li ghalihom huma responsabbli l-atturi, u li a rigward qed issir kontro talba.  Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra il-kontro talba tal-konvenut li biha, peress illi t-talbiet attrici qed jigu kontestati stante li s-servizz li ghalih tqabbdu l-atturi ma giex ezegwiet u ma giex esegwiet skond l-arti u s-sengha, u minhabba f’hekk il-konvenut sofra danni, li dan it-Tribunal huwa mitlub li jillikwida, liema danni ma jeccedux il-Lm1,500.

Ra r-risposta tal-atturi ghal-kontro talba tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-kontro talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet; (i) illi preliminarjament it-Tribunal m’huwiex kompetenti sabiex jisma u jiddeciedi l-kontro talba kif dedotta; (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, li l-konvenut ma sofra ebda danni ghaliex l-attur esegwixxa l-inkarigu tieghu skond il-ftehim bejn il-partijiet; (iii) fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li l-konvenut sofra xi danni, it-talba tieghu hija ferm eccessiva.

Sema x-xhieda tal-konvenut Guy Kurkjian.

Sema x-xhieda tal-attur Richard Muscat Azzopardi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tal-31 ta' Mejju 2007 fejn il-kawza giet differita sabiex tinghata sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li ghandha tigi deciza permezz ta' din is-sentenza in parte, hija li l-intimat m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

F'dan ir-rigward il-konvenut xehed li huwa direttur u anki impjegat tal-kumpanija World Food Safety Organisation Limited (WFSO), li hija kumpanija registrata fl-Ingilterra. Huwa spjega li f'xi zmien wiehed mill-atturi kien avvicinah sabiex jaghmel xi xoghol fuq il-'website' tal-WFSO u li saru diversi laqghat bejnu personalment u l-attur Matthew Bugeja. Skond hu, l-WFSO kellha diversi indirizzi tal-email, u l-korrispondenza bejnu u bejn l-attur kienet issir permezz tal-email billi jintuzaw dawn l-indirizzi tal-email. Fil-fatt, alavolja ma kien hemm l-ebda kuntratt bil-miktub dwar ix-xoghol li kellu jsir, l-ewwel struzzjonijiet ntbaghtu permezz ta' email.

Il-konvenut xehed ukoll illi l-invoice li ntbaghtet lilu minghand l-atturi, kienet intbaghtet lilu f'ismu personali u li huwa kien informa l-atturi li xtaq li l-invoice tintbaghat lill-kumpanija u mhux lilu. Skond hu, din is-sitwazzjoni qatt ma giet irrangata u ma kien hemm l-ebda korrispondenza ulterjuri fuq dan il-punt.

Illi l-attur Richard Muscat Azzopardi minn-naha tieghu xehed illi l-atturi kienu hadu l-istruzzjonijiet taghhom direttament mill-konvenut u minghandu biss, u li fl-ebda hin u mument ma kienu tkellmu ma xi hadd iehor fuq dan

ix-xoghol, u cioe xi hadd mill-kumpanija World Food Safety Organisation Limited.

L-attur xehed illi l-ewwel invoice kienet inharget fuq il-World Food Safety Organisation, mhux bhala kumpanija izda bhala trade name. Izda meta ghadda hafna zmien u ma sar l-ebda hlas kienu regghu hargu l-invoice fuq il-konvenut. Ix-xoghol kollu li kien sar mill-atturi, sar fuq struzzjonijiet specifici tal-konvenut, u l-atturi xehedu li l-konvenut qatt ma kien specifikalhom jekk dan ix-xoghol kienx qed isir f'isem il-konvenut jew f'isem il-kumpanija. Di piu, kienu saru diversi laqghat bejn l-atturi u l-konvenut, u l-korrispondenza kollha kienet giet skambjata mal-konvenut biss.

L-attur zied jghid illi huma qatt ma nghataw struzzjonijiet minghand il-konvenut fejn kellhom jibghatu l-invoices taghhom, jew lil min kellhom jintbaghtu, jew almenu min kien responsabbli ghall-hlas. Skond l-attur, l-email tal-konvenut, fejn dan kien qed jinfurmhom li ried li l-invoice jintbaghat lill-kumpanija, wasal ghandhom hafna xhur wara li kienu baghtu l-ewwel invoice taghhom, liema invoice kien ghadu ma thallasx.

Illi jidher li kemm l-invoices kif ukoll il-korrispondenza kollha ntbaghtet direttament lill-konvenut, u fil-fatt mill-korrispondenza skambjata u esebita fil-process, dejjem jidher biss l-isem tal-konvenut, u l-kliem 'word food safety' jidru biss fejn si tratta ta' indirizz tal-email.

Illi kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet 'Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono' (Cit. Nru. 1184/01RCP), deciza mill-Prim'Awla fil-21 ta' Marzu 2002, '*Il-Qorti temmen li meta negozju jkun qed jigi gestit minn socjeta' b'responsabbilta' limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan bl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha….Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*'

Illi fil-kawza fl-ismijiet 'Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna' (Cit. Nru. 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, jinghad: '*Illi hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni*.'

U fil-kawza 'Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward) Borg' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju 1990, il-Qorti qalet illi: '*La darba irrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamilhiex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel.*'

Illi t-Tribunal jidhirlu li fil-kaz in ezami, mill-provi johrog car illi l-konvenut qatt ma gharraf lill-atturi b'mod car u inekwivoku illi huma kienu qedin jinnegozjaw mal-kumpanija World Food Safety Organisation Limited, u dejjem innegozja hu stess maghhom. Il-konvenut ma jistax jinnega li mid-dokument kollha esebiti kemm minnu kif ukolll mill-atturi, min imkien ma jirrizulta li l-atturi kellhom jiddeducu li kienu qedin jinnegozjaw mal-kumpanija u mhux direttament mieghu. Di piu l-atturi qatt ma kellhom kuntatt ma xi haddiehor barra l-konvenut stess. Is-semplici fatt li l-atturi kienu qedin jikkomunikaw mal-konvenut permezz ta' indirizzi tal-email li kellhom il-kliem 'world food safety organisation', ma jistax iwassal ghall-konkluzzjoni li l-atturi kienu qedin jinnegozjaw ma socjeta' kummercjali, specjalment gjaladarba l-konvenut qatt ma ghazel li jaghmilha cara lilhom li din kienet is-sitwazzjoni.

Illi huwa zgur li bhala fatt, qatt ma gie komunikat b'mod car lill-atturi li huma kienu qedin jinghataw struzzjonijiet ghax-xoghol taghhom minghand il-kumpanija, u l-unika

darba li l-konvenut ghogbu jsemmi l-kumpanija kien meta kienu baghtu l-invoice lilu personalment – izda anki hawn, il-konvenut halla zmien jghaddi qabel ma infurmhom li xtaq li l-invoices jintbaghtu lill-kumpanija u mhux lilu.

Illi mbaghad, minn imkien fix-xhieda tieghu ma jista' jinghad li l-konvenut rnexxilu jipprova li l-istruzzjonijiet li hu stess ta l-atturi ma taghhomx f'ismu proprju izda f'isem il-kumpanija, u kif gja intqal izjed 'l fuq, din il-prova kellha issir minnu. Ghalhekk l-atturi kellhom kull dritt jipprezumu li kienu qedin jinnegozjaw direttament mal-konvenut bhala individwu f'ismu proprju.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u jordna l-prosegwiment tal-kawza. Bl-ispejjes ta' din id-decizjoni kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------